BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA KONĠUNTA GĦALL-MEDIA

**26 ta' Ottubru 2014**

**RIŻULTATI TA' EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni komprensiva li sar fuq mija u tletin bank li jinsabu f'dsatax-il Stat Membru li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). L-eżerċizzju tmexxa mill-BĊE flimkien mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni bankarja f'dawn l-Istati Membri, u involva wkoll l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

L-evalwazzjoni komprensiva kienet tikkonsisti f'żewġ komponenti, jiġifieri analiżi tal-kwalità tal-assi (AQR) fuq il-bażi ta' metodoloġija mfassla u ppubblikata mill-BĊE, u *stress test* li segwa metodoloġija mfassla u ppubblikata milll-EBA. L-evalwazzjoni komprensiva tmexxiet fuq tliet banek liċenzjati mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA). Dawn kienu l-Bank of Valletta plc, l-HSBC Bank Malta plc, u d-Deutsche Bank (Malta) Ltd. L-għażla ta' dawn il-banek saret abbażi ta' kriterji li ġew deċiżi u ppubblikati mill-BĊE.

L-evalwazzjoni komprensiva ma identifikat l-ebda nuqqas ta' kapital, kemm f'xenarji normali u negattivi, għall-Bank of Valletta plc, l-HSBC Bank Malta plc, u għad-Deutsche Bank (Malta) Ltd.

Ir-riżultati kkonfermaw is-solidità u r-reżiljenza ta' kull wieħed minn dawn it-tliet banek hekk kif il-proporzjon tal-Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) ta' kull wieħed minn dawn il-banek baqa' ogħla mil-livell minimu ta' 8% wara l-AQR. Bl-istess mod, ir-riżultati tal-istress test taħt ix-xenarji negattivi, li inkluda wkoll l-impatt sħiħ tal-AQR, juru li sal-2016 il-proporzjon tal-kapital tas-CET1 għal kull wieħed minn dawn it-tliet banek baqa' ferm ogħla mil-livell minimu stabbilit ta' 5.5%, bil-Bank of Valletta plc u l-HSBC Bank Malta plc jirreġistraw proporzjon tal-kapital tas-CET1 ta' 8.9%, filwaqt li dak tad-Deutsche Bank (Malta) Ltd kien fil-livell ta' 138.8%.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva għall-Bank of Valletta plc, l-HSBC Malta plc u għad-Deutsche Bank (Malta) Ltd jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-siti elettroniċi tal-Bank Ċentrali ta' Malta u tal-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, rispettivament.

Aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni komprensiva u r-riżultati kollha tal-mija u tletin bank sinifikanti li jipparteċipaw fl-MSU tinsab fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.